MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1240/2005

**Prinz Distributors Ltd (C 21503)**

**Vs**

**Vassallo Randiel (ID 326183M) proprio u bhala ezercenti l-kummerc tah l-isem RNJ Stationary**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm247.30 (mitejn sebgha u erbghin Lira Maltin u tletin centezmu) dovuti ghal prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-15 ta’ Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-21 ta’ Frar 2006 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------